Hemm insabet ħafna kitba li tagħti ħafna dawl fuq il-kotba tal-Għaqda l-Ġdida. Hemmekka ma nsabet ebda kitba ta' qabel it-tielet mitt sena wara Kristu. Il-kotba li nsabu f'Ħirbet Mird huma dawn: kotba bil-lsien Grieg, il-Ktieb tal-Għerf, l-Evanġelju ta' San Mark u ta' San Ġwann u l-Atti. Ittri bil-Għarbi tat-tielet mitt sena wara Kristu. Biċċiet ta' kotba tal-Insara li ma jinsabux fil-Bibbja. Biċċiet ta' kotba tal-ġild, miktuba bil-lsien Arami-Nisrani tal-Palestina (li qabel ma kienu nsabu qatt bħalhom) li huma mill-kotba ta' Ġożwè, mill-Evanġelju ta' San Mattew u ta' San Luqa, mill-Atti u mill-Ittra ta' San Pawl lil Kolossin. Insabet ukoll ittra ta' Raħeb Nisrani li tagħti xaqq dawl fuq il-ħajja tal-Insara ta' dak iż-żmien.

Kull ma nsab f'dawn it-tliet imkejjen, barra mis-seba' kotba li l-Isqof Sirjan ħarab bihom lejn l-Amerka u mbagħad xtrawhom il-Lhud(5), issa jinsabu fil-Mużew tal-Qdumija tal-Ġordanja, f'Ġerusalem il-Qadima. Hawn il-kitba tinsefaħ u tinqara minn għaqda ta' nies imħarrġin f'xogħol bħal dan; nies minn ġnus magħżula u reliġjonijiet magħżula. Il-mexxejja ta' dil-għaqda huma tnejn: id-Dumnikan Père Ronald de Vaux, tal-Iskola Biblika ta' San Stiefnu (Ġerusalem), u Mr. Lankester Harding, tat-Taqsima tal-Antikità tal-Ġordanja. In-nies li jaħdmu taħt it-tmexxija tagħhom huma dawn: Monsinjur Skehan, tal-Università Kattolika ta' Washington; Mr. Cross, tas-Seminarju Protestant ta' McCormick; Mr. Marco Allegro, tal-Università ta' Cambridge; Rev. Starcky u Rev. Milik, tas-"Centre de la Recherche Scientifique" ta' Parigi, u r-Rev. Baillet, tal-Istitut Kattolku Franċiż ta' Tolosa.

D. K. S.

(1) Kif insabu dawn il-kotba ara għadd 4 tat-Tielet sena ta' dan il-Qari.

(2) **Papiru,** jew bil-Malti, bordi, ikun weraq ta' xorta ta' qasab, donnu karti, li n-nies kienu jiktbu fuqu fl-antik.

(3) Min kienu l-Essenin ara x'kiteb fuqhom f'dal-Qari l-Prof. Saydon, għadd 1 it-Tieni sena, faċċata 8.

(4) Min kien Bar-Kokba ara l-kitba tal-Prof. Saydon f'dan il-Qari, it-Tielet sena, għadd 1, faċċata 3.

(5) Ara t-tagħrifa għadd 1, ta' fuq.

# AGRAPHA CHRISTI

Jista' jkun li fost dawk li jaqraw dan il-ktejjeb, ikun hemm xi ħadd li ma jafx xi tfisser il-kelma "agrapha". Għal hekk, aħjar kieku nfissruha ftit. *Agrapha* hija kelma bil-Grieg, li ġejja mill-verb *grapho,* li bil-Malti jfisser *nikteb*. U dik l-"a" ta' qabilha tfisser *bla*. Mela *agraphon,* bil-Malti jfisser *bla miktub*. U *Agrapha Christi,* f'daqqa, jiġifieri: il-*Bla Miktuba ta' Kristu*.

Imma x'inhuma il-"Bla Miktuba ta' Kristu"? Huma kliem li Ġesù Kristu qal ma' tul ħajtu fid-dinja, imma li ma kienux imniżżlin fil-Ktieb tal-Bxara, jew *Evanġelju*. Din xej ma hi ħaġa tal-għaġeb. Jekk taħseb ftit li Ġesù l-biċċa l-kbira taż-żmien ma kienx għajr iħabbar is-Saltna tas-Sema lil qtajja' tan-nies, tifhem malajr li f'sena, u aktar u aktar fi tliet snin (għax u la r-Rħieb Ewlenija, jew *Santi Padri* anqas il-għorrief ta' daż-żmien ma jaqblu fuq kemm żmien dam jgħallem Ġesù) qal wisq aktar kliem minn dak il-ftit li jinsab miktub fi Ktieb il-Bxara. Tar-

ġa: la darba fil-Ktieb ta' San Mattew hemm kliem li mhux miktub fil-ktieb ta' San Mark; u fil-ktieb ta' San Luqa wkoll hemm kliem li ma niżżluhx it-tnejn ta' qablu, u hekk ukoll fil-ktieb ta' San Ġwann, jiġi minnu li kieku nkitbu bxajjar oħra barra l-erbgħa li għandna, kien ikun hemm fihom kliem li ta' qabilhom ma kitbuhx. Minn dan jidher sewwa li għad baqa' wisq kliem ta' Ġesù li n-nies ma jafux bih.

Imma xi ftit mill-kliem ta' Ġesù li ma laħaqx inkiteb mill-Erba' Baxxara, in-nies li semgħetu baqgħet tafu u ssemmih għal żmien twil. Sa kitbu xi ftit minnu fuq il-weraq tal-bordi jew *papiri* u fuq bċejjeċ tal-ġild u difnuhom fl-oqbra mal-mejtin. Wara żmien twil dik il-kitba reġgħet insabet ġewwa l-oqbra tal-insara, l-aktar fil-Masar jew *Eġittu,* u dak il-kliem sabiħ seta' jinqara. Barra minn dawn, xi qwiel oħra jinsabu fil-kotba tar-Rħieb Ewlenija, u hemm ukoll qawl minn dawn fil-Ktieb ta' Egħmil l-Appostli (ikollok il-barka meta tagħti, mhux meta taqla'; XX, 35) u oħrajn fil-Bxajjar iż-Żejda jew *Evanġelji Apokrifi.* Dawn il-qwiel, il-Knisja, għad li ma taqtagħhomx bħala ħżiena, anqas tgħoddhom bħala imnebbħin minn Alla.

* * *

L-ewwel qawl li sa naraw jinsab miktub fuq il-bieb ta' Ġegħma, jew knisja tal-Misilmin f'Futhepur-Sikri, fl-Indja. Huwa qawl qasir u dieher, kif tas-sew kien iħobb jitħaddet Ġesù. Dan hu: *Id-dinja, egħbara; għandkom tgħaddu minnha, m'hux tibnu fuqha egħmara.*

U tas-sew li hekk hu. Qabel ma tnissilna fid-dinja, aħna ma konna qatt. Wara li mmutu, inkunu għal dejjem. Mela hawn fid-dinja aħna qegħdin insiru. Meta tintemmilna dilħajja, inkunu *għebarna,* jiġifieri għaddejna, u wasalna fit-tokk tagħna, fejn tibda l-ħajja ta' bil-ħaqq. Minn dilħajja għandna ngħaddu biss, mingħajr ma nieqfu nitniikru u nitlajjaw. Ħsiebna għandu jkun li naslu fejn għandna naslu mingħajr ħsara. Min jagħmel egħmartu f'did-dinja, meta jasal in-naħa l-oħra, isib ruħu b'idu f'idu, għax ħadd ma jista' jaqdi żewġt isjied. Min jagħmel egħmartu fid-dinja, ma jkollux dar fis-smewwiet.

Din miktuba f'wieħed mill-Bxajjar iż-Żejda: *Fittxu l-ħwejjeġ il-kbar, u ssibu wkoll iż-żgħar. Fittxu ħwejjeġ is-sema, u ssibu wkoll ta' l-art.*

Min ikollu l-ħwejjeġ il-kbar, iż-żgħar ma jkunx jaħtegħom. Min ikollu 'l Alla, l-akbar ġid, ma jeħtieġ ebda ġid ieħor. Min jikseb ħwejjeġ is-sema, ma jkollux x'jambi tal-art. Jaqbillu 'l bniedem ifittex il-ħwejjeġ il-kbar, il-ħwejjeġ tas-sema, għax min iseħħlu jiksibhom, ma jkun jonqsu aktar xej.

Din t'issa nsabet miktuba fuq il-weraq tal-bordi, fl-art tal-Masar: *"Jekk ma tinfatmux mid-dinja, ma dduqux is-saltna t'Alla; u jekk ma tħarsux il-Liġi, ma tarawx Wiċċ il-Missier.* Jiġifieri, jew timxi m'Alla jew mad-dinja; mat-tnejn f'daqqa ma jistax ikun. L-ewwel medda tar-riġlejn fit-triq t'Alla hija, l-qtugħ, il-ftama, mill-għaxqiet tad-dinja. Biex bniedem ikun jistħoqqlu jara 'l Alla, jeħtieġlu l-ewwel iħares il-ħaqq u s-sewwa. Imma l-ewwel ħirka għandha tkun min-naħa tiegħu: il-ftama mid-dinja u l-ħarsien tal-ħaqq.

Dan il-qawl ta' Ġesù jinsab miktub fil-kitba tal-qaddis Kelment ta' Lixandra: *Egħwari, għalija u wlied dari.* M'hux lil kull ħadd kien mogħti li jistgħall mill-miġja ta' Kristu fid-dinja, imma lil ftit u ftit wisq. Baqa' wisq

li għad m'humiex insara, u mill-insara nfushom, għadd kbir minnhom huma Nsara tal-isem biss. Ftit huma dawk li egħmilhom imsejjes fuq imħabbet Alla. Dawk li jridu jkunu Nsara tajba, l-ewwel jaħtieġ li jkunu *wlied dar il-Mulej* u jisimgħu minnu kif l-ulied tajba jisimgħu minn missierhom; imbagħad Ġesù jgħarrafhom bil-ħwejjeġ mistura tiegħu.

Fil-ktieb tal-qaddis Ġustinu tinsab din il-kelma li ġejja: *Li naqbadkom fih, naħkimkom bih.* Ġesù jwiddibna b'dil-kelma, li għandna nagħmlu dejjem it-tewba, u hekk meta jiġina waqt il-mewt, jaħkimna bil-ġid. Nagħmlu mela t-tewba dejjem, għax il-mewt tista' tiġi mingħajr ma tħabbarna minn qabel. Għal hekk kull egħmil tagħna għandu jkun għemil ta' ħajr, għax jista' jkun l-aħħar għalina.

Fil-biċċiet tal-bordi li nsabu l-Masar ukoll (Oxirhyncus papyri) hemm miktub dan il-qawl ta' Ġesù: *Tkunu fejn tkunu, m'intom qatt mingħajr Alla. Fejn hemm imqar wieħed waħdu, hemm inkun ukoll jien miegħu.* Kemm tagħmillu qalb lin-Nisrani din il-wegħda ta' Ġesù! Dawk li jimxu warajh, ma huma qatt weħedhom. Alla dejjem magħhom, f'kull xorta ta' tiġrib. Hu dejjem man-Nisrani t-tajjeb, jitgħaxxaq bih jarah jitqabad ma' l-egħdewwa, biex jirbaħ rebħet is-sema. Dawk il-ħsebijiet li jgħaddulu minn moħħu bħal leħħa, li jagħmlu l-qalb waqt li kull ħadd imaqdru u jibħtu, huma kliem il-Mulej li jżiegħel bih bħal ma missier iżiegħel b'uliedu waqt il-ħirqa tax-xogħol. Ta' min jiżżi ħajr tas-sew lil Ġesù għall-ħsieb ħanin li jieħu tagħna.

Qawl ieħor, sabiħ wisq, ta' Ġesù, jinsab imniżżel wisq drabi fil-kitba tar-Rħieb Ewlenija. Kif jidher, Ġesù ma qalux lil kull ħadd, imma biss lit-tnax il-Rasul li kellu miegħu. Il-qawl huwa dan: *Kunu sarrafin imġarrbin.*

It-tnax-il Rasul il-lum m'għadhomx fid-dinja, imma minn bidlhom hawn il-qassisin. Il-qassisin huma s-sarrafa ta' Saltnet Alla, u kull ma jkollu n-Nisrani li jmiss is-Saltna t'Alla, għand il-qassis għandu jmur. Imma msejken hu l-qassis jekk ma jkunx tal-ħaqq f'tisrifu! Kemm ħsara jagħmel, u x'ħaqq ikun hemm għalih! Kemm ħsara jagħmel qassis meta jinqos minn dmiru jista' jgħid min hu mġarrab hu n-nifsu, jew imqar għamilha ma' xi ħadd imġarrab.

F'kitba msemmija Xnijjat (Traditiones) ta' San Mattija, jinsab miktub dan il-qawl: *Ħsiebkom* (għandu jkun) *f'dak l'hu quddiemkom.* Jiġifieri għandu l-bniedem jieħu ħsieb dak li hu fuqu biss, mingħajr ma jħabbel rasu fuq li għad jista' jiġrilu, jew li għandu jagħmel 'il quddiem. Għax 'il quddiem ma hux f'idejn il-bniedem. Għaliex sa jaqbad jitħejja, la darba ma jafx x'sejjer qatt jiġri? Imbagħad tad-dinja kollox ħaġa żgħira, la darba l-bniedem maħkum bil-mewt. Kemm nies ħbieb tagħna, li dari naħdmu magħhom, issa jinsabu ftit għadam f'qiegħ ta' qabar! F'iex safa hemmhom u x'wetihom ġidhom għajr dwejjaq akbar waqt il-mewt?

FRA NIKOL, O.F.M.